Siggiewi	*L-utile dominju perpetwu ta' nofs indiviz mill-ghalqa Tal-Blat sive Tal-Gebel sive Tal-Bilbli tal-kejl ta' 4,809 m.k.;*	Rosario Gatt u martu Antonia	849754M 283455M	3225/06
Siggiewi	*The perpetual utile dominium of one half undivided share of the field Tal-Blat sive Tal-Gebel sive Tal-Bilbli covering an area of 4,809 s.m.;*			
Siggiewi	Id-dirett dominju perpetwu ta' Plot 2D tal-kejl ta' 187 m.k., formanti parti mill-art Tad-Duda;	Philip Bonello	621238M	3239/06

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Siggiewi	*The perpetual direct dominium of Plot 2D covering an area of 187 s.m., forming part of the land Tad-Duda;*			
Siggiewi	L-utile dominju perpetwu ta' nofs indiviz tal-garaxx Nru 39 fi Triq Blat il-Qamar;	Joseph Abdilla et		3254/06
Siggiewi	*The perpetual utile dominium of one half undivided share of garage No 39 in Triq Blat il-Qamar;*			
Siggiewi	Nofs indiviz ta' porzjoni diviza mill-ghalqa Ta' Baranka tal-kejl ta' 680 m.k.;	Margaret Borg	354057M	3283/06
Siggiewi	*One half undivided share of a divided portion of the field Ta' Baranka covering an area of 680 s.m.;*			
Siggiewi	Nofs indiviz tal-garaxx bla isem u bla numru, u d-dar jisimha 'Charlene' fi Triq Ramija;	Pauline Delia	515960M	3298 u 3299 ta' l-2006
Siggiewi	*One half undivided share of an unnamed and unnumbered garage, and the house named 'Charlene' in Triq Ramija;*			
Swieqi	Bicca art tal-kejl ta' 185 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		3154/06
Swieqi	*A plot of land covering an area of 185 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 36 fi Triq San Duminku; tal-fond Nru 13 jismu 'Casa Deliciae' fi Triq Hughes Hallet;	Il-Gvern ta' Malta		3069 u 3074 ta' l-2006
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 36 in Triq San Duminku; of tenement No 13 named 'Casa Deliciae' in Triq Hughes Hallet;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Korrezzjoni ta' LRA 1712/02. B' dan qed navza li rcevejt minghand l-Ufficju Kongunt applikazzjoni LRA 3066/06, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija limitament rigward is-sehem ta' l-arja kif applikabbli u tibdil fid-data effettiva tar-registrazzjoni;	Il-Gvern ta' Malta		3066/06
Tas-Sliema	*Correction of LRA 1712/02.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3066/06, a correction of the above mentioned application limitedly as regards the share of the airspace as applicable and the change in the effective date of registration;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 43 fi Triq San Enriku; tal-fond Nru 14 jismu 'Croydon' fi Triq Locker;	Il-Gvern ta' Malta		3114 u 3120 ta' l-2006
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 43 in Triq San Enriku; of tenement No 14 named 'Croydon' in Triq Locker;*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Tas-Sliema	Id-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 84 fi Triq San Gwann il-Battista; tal-fond Nru 322 fi Triq Manuel Dimech;	Il-Gvern ta' Malta		3210 u 3211 ta' l-2006
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 84 in Triq San Gwann il-Battista; of tenement No 322 in Triq Manuel Dimech;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Kwint indiviz tad-dar Nru 5 jisimha 'Alcazar' u l-garaxx Nru 6, fi Triq il-Ponta ta' Dragut;	David Cassar Torregiani u Rita Petrocochino	21167M 446364M	3290/06
Tas-Sliema	*One fifth undivided share of house No 5 named 'Alcazar' and garage No 6, in Triq il-Ponta ta' Dragut;*			
Tas-Sliema	L-arja intenzjonata ghall-bini ta' l-appartament Nru 5A, garaxx u l-partijiet komuni kollha taghhom, formanti parti mid-dar bil-garaxx Nru 5 jisimha 'Alcazar' fi Triq il-Ponta ta' Dragut u Triq Thornton;	David Cassar Torregiani	211167M	3291/06
Tas-Sliema	*The airspace intended for the building of apartment No 5A, garage and all their common parts, forming part of the house with garage at No 5 named 'Alcazar' in Triq il-Ponta ta' Dragut and Triq Thornton;*			
Tas-Sliema	L-arja intenzjonata ghall-bini ta' l-appartament Nru 3, garaxx u l-partijiet komuni kollha taghhom, formanti parti mid-dar bil-garaxx Nru 5 jisimha 'Alcazar' fi Triq il-Ponta ta' Dragut u Triq Thornton;	Ferdinand Cassar Torregiani u martu Ann		3292/06
Tas-Sliema	*The airspace intended for the building of apartment No 3, garage and all their common parts, forming part of the house with garage at No 5 named 'Alcazar' in Triq il-Ponta ta' Dragut and Triq Thornton;*			
Tas-Sliema	L-arja intenzjonata ghall-bini ta' l-appartament Nru 2, garaxx u l-partijiet komuni kollha taghhom, formanti parti mid-dar bil-garaxx Nru 5 jisimha 'Alcazar' fi Triq il-Ponta ta' Dragut u Triq Thornton;	Alexander Cassar Torregiani u martu Nathalie	26237M 53338M	3293/06
Tas-Sliema	*The airspace intended for the building of apartment No 2, garage and all their common parts, forming part of the house with garage at No 5 named 'Alcazar' in Triq il-Ponta ta' Dragut and Triq Thornton;*			
Tas-Sliema	L-arja intenzjonata ghall-bini ta' l-appartament Nru 4, garaxx u l-partijiet komuni kollha taghhom, formanti parti mid-dar bil-garaxx Nru 5 jisimha 'Alcazar' fi Triq il-Ponta ta' Dragut u Triq Thornton;	Raymond Cassar Torregiani u martu Geraldine	479834M 603738M	3294/06
Tas-Sliema	*The airspace intended for the building of apartment No 4, garage and all their common parts, forming part of the house with garage at No 5 named 'Alcazar' in Triq il-Ponta ta' Dragut and Triq Thornton;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Tas-Sliema	L-arja intenzjonata ghall-bini ta' l-appartament Nru 5B, garaxx u l-partijiet komuni kollha taghhom, formanti parti mid-dar bil-garaxx Nru 5 jisimha 'Alcazar' fi Triq il-Ponta ta' Dragut u Triq Thornton;	Rita Petrocochino	446364M	3295/06
Tas-Sliema	*The airspace intended for the building of apartment No 5B, garage and all their common parts, forming part of the house with garage at No 5 named 'Alcazar' in Triq il-Ponta ta' Dragut and Triq Thornton;*			
Tas-Sliema	L-arja intenzjonata ghall-bini ta' l-appartament Nru 6, garaxx u l-partijiet komuni kollha taghhom, formanti parti mid-dar bil-garaxx Nru 5 jisimha 'Alcazar' fi Triq il-Ponta ta' Dragut u Triq Thornton;	John Cassar Torregiani u martu Patricia	671153M 776154M	3296/06
Tas-Sliema	*The airspace intended for the building of apartment No 6, garage and all their common parts, forming part of the house with garage at No 5 named 'Alcazar' in Triq il-Ponta ta' Dragut and Triq Thornton;*			
Tas-Sliema	Id-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' l-appartamenti Nri 7 u 9, formanti parti mill-fond Nru 12 'Qui-Si-Sana Court' fi Qui-Si-Sana;	Il-Gvern ta' Malta		3320/06
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of apartments Nos 7 and 9, forming part of tenement No 12 'Qui-Si-Sana Court' at Qui-Si-Sana;*	*The Government of Malta*		
Valletta	L-appartament bla numru u bla isem, inkluz is-sehem indiviz tal-partijiet komuni, accessibli minn Bieb 2, Blokk B, 'Ex Flores College' fi Triq l-Ifran;	L-Awtorita' tad-Djar		3092/06
Valletta	*The unnumbered and unnamed apartment, including its share of the common parts, accessible from Door2, Block B, 'Ex Flores College' in Triq l-Ifran;*	*The Housing Authority*		
Valletta	Il-Knisja ta' Santa Lucija (De Vasi) fi Triq il-Lvant;	Benefice Santa Lucia (De Vasi) Valletta		3115/06
Valletta	*The Church of Saint Lucy (De Vasi) in Triq il-Lvant;*			
Valletta	Il-Knisja ta' San Nikola fi Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq San Nikola;	Sodalita' Anime Purganti erett fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl, Valletta		3126/06
Valletta	*The Church of St Nichlas in Triq il-Merkanti corner with Triq San Nikola;*	*Sodalita' Anime Purganti erected in the Parish Church of St Paul, Valletta*		
Valletta	Il-fond bin-Nri 195, 196 u 197 fi Triq Sant' Ursola;	Prokura Naves annessa mas- Sodalita' dei Preti eretta fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl, Valletta		3127/06

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Valletta	*Tenement at Nos 195, 196 and 197 in Triq Sant' Ursola;*	*Procura Naves annexed to the Sodalita' dei Preti erected in the Parish Church of St Paul, Valletta*		
Valletta	Il-fond Nru 74 jismu 'Domus Curialis' fi Triq San Pawl;	Il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl;		3128/06
Valletta	*Tenement No 74 named 'Domus Curialis' in Triq San Pawl;*	*The Parish Church of St Paul;*		
Valletta	Il-Knisja ta' Santu Rokku fi Triq Sant' Ursola;	Il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl		3178/06
Valletta	*The Church of St Rocque in Triq Sant' Ursola;*			
Valletta	Ic- 'Centru ta' l-Azzjoni Kattolika', bin-Nru 8, fi Triq l-Arcisqof;	Monasteru ta' Santa Katerina, Valletta		3209/06
Valletta	*The 'Catholic Action Centre' at No 8 in Triq l-Arcisqof;*	*Monastery of Saint Catherine*		
Valletta	Nofs indiviz ta' Blokk ta' appartamenti Nru 107A jismu 'Zecca Flats', il-hanut Nru 108, il-mahzen Nru 110 u garaxx Nru 111, ilkoll fi Triq Zekka; u nofs indiviz tal-garaxx Nru 106 fi Triq Santa Lucia;	George Falzon et	781947M	3236, 3237 u 3238 ta' l-2006
Valletta	*One half undivided share of a Block of apartments at No 107A named 'Zecca Flats', shop No 108, store No 110 and garage No 111, all in Triq Zekka; and one half undivided share of garage No 106 in Triq Santa Lucia;*			
Valletta	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' l-appartamenti Nri 1, 2, 3 u 4, u l-ispazju that it-tarag komuni, formanti parti mill-fond Nru 49 fi Triq San Patrizju;	Earli Ltd	C 8094	3285/06
Valletta	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of apartments Nos 1, 2, 3 and 4, and the space beneath the common staircase, forming part of tenement No 49 in Triq San Patrizju;*			
Valletta	Il-fond Nru 68B fi Triq l-Arcisqof;	Jane Azzopardi u Arthur Azzopardi ghall-utile dominju perpetwu; u l-Gvern ta' Malta ghad-dirett dominju perpetwu	96227M 316916M	3310/06
Valletta	*Tenement No 68B in Triq l-Arcisqof;*	*Jane Azzopardi and Arthur Azzopardi for the perpetual utile dominium; and the Government of Malta for the perpetual direct dominium*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Valletta	L-utile dominju temporanju ta' l-appartament Nru 2, formanti mill-fond Nru 60 jismu 'Brittania House' fi Triq Melita;	Dr Jean Philippe Chetcuti u martu Dr Maria Chetcuti Cauchi	487377M 544177M	3328/06
Valletta	*The temporary utile dominium of apartment No 2, forming part of tenement No 60 named 'Brittania House' in Triq Melita;*			
Valletta	L-appartament Nru 6, formanti parti mill-fond Nru 14 u l-fond Nru 15, fi Triq San Sebastjan;	Il-Gvern ta' Malta		3392/06
Valletta	*Apartment No 6, forming part of tenement No 14 and tenement No 15, in Triq San Sebastjan;*	*The Government of Malta*		
Valletta	1/48 parti ndiviza tal-hanut Nru 33 jismu 'Gopaldas' fi Triq ir-Repubblika;	Riccardo Vaswani u martu Manju	661959M 544892M	3405/06
Valletta	*1/48 undividedshare of shop No 33 named 'Gopaldas' in Triq ir-Repubblika;*			
Wied il-Ghajn	Id-dirett dominju perpetwu ta' l-appartament Nru 2, formanti parti minn 'Waterloo Flats' fi Triq Gidwet;	Il-Gvern ta' Malta		3198/06
Wied il-Ghajn	*The perpetual direct dominium of apartment No 2, forming part of 'Waterloo Flats' in Triq Gidwet;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Ghajn	Il-fond bin-Nri 63/65 fi Triq Sant' Anna;	Ulied il-Qalb Imqaddsa		3199/06
Wied il-Ghajn	*Tenement at Nos 63/65 in Triq Sant' Anna;*	*Daughters of the Sacred Heart*		
Wied il-Ghajn	Korrezzjoni ta' LRA 3142/03. B' dan qed navza li rcevejt minghand id-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 3388/06, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta annessa ma' l-applikazzjoniji originali;	Il-Gvern ta' Malta		3388/06
Wied il-Ghajn	*Correction of LRA 3142/03.* *I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 3388/06,a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan attached to the original application;*	*The Government of Malta*		
Zejtun	Is-sit u bini bla isem u bla numru li hemm fuqu tal-kejl kumplessiv ta' 423 m.k.;	Saint James Hospital Ltd., ghall-utile dominju temporanju; u l-Gvern ta' Malta ghad-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta';	C 17292	3157/06

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Zejtun	*The site and unnamed and unnumbered structures built thereon together covering an area of 423 s.m.;*	*Saint James Hospital Ltd., for the temporary utile dominium; and the Government of Malta for the temporary direct dominium and the full ownership thereafter;*		
Zejtun	Porzjoni art fi Sqaq Ta' Tnella tal-kejl ta' 386 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		3386/06
Zejtun	*A portion of land in Sqaq Ta' Tnella covering an area of 386 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq	Dritt ta' kumpens rigward l-art Tac-Cikkina tal-kejl ta' 251 m.k., gewwa Hal-Far;	Il-Gvern ta' Malta		3309/06
Zurrieq	*Compensation right regarding the land Tac-Cikkina covering an area of 251 s.m., at Hal-Far;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq	Korrezzjoni ta' LRA 1417/02. B' dan qed navza li rcevejt minghand id-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 3387/06, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta annessa ma' l-applikazzjoniji originali;	Il-Gvern ta' Malta		3387/06
Zurrieq	*Correction of LRA 1417/02.* *I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 3387/06,a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan attached to the original application;*	*The Government of Malta*		

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-Xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dott Stephanie Pappalardo, LL.D.
Reġistratur ta' l-Artijiet

Dr Stephanie Pappalardo, LL.D.
Land Registrar

It-28 ta' Novembru, 2006

28th November, 2006

Nru. 1002

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

Avviż għall-Finijiet tar-Regolament 1(3) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar Rekwiżiti Minimi għar-Rendiment tal-Bini fl-Użu ta' l-Enerġija taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423)

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar ir-Riżorsi tgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi t-*Technical Guidance Document 'F' – Minimum Requirements for Conservation of Energy in Buildings* maħruġ skond ir-regolament 1(3) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar Rekwiżiti Minimi għar-Rendiment tal-Bini fl-Użu ta' l-Enerġija (Avviż Legali Nru. 238 ta' l-2006), jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Regolamenti tal-Bini, Diviżjoni tas-Servizzi, Project House, Floriana, jew jista' jitniżżel elettronikament minn wieħed mill-URLs segwenti:

http://www.mri.gov.mt/downloads/TechGuid_F.pdf
http://www.mra.org.mt/Downloads/Publications/TechGuid_F.pdf
http://www.bicc.gov.mt/bicc/files_folder/Document%20F.pdf

It-28 ta' Novembru, 2006

No. 1002

MALTA RESOURCES AUTHORITY

Notice for the Purposes of Regulation 1(3) of the Minimum Requirements on the Energy Performance of Buildings Regulations, 2006 under the Malta Resources Authority Act (Cap. 423)

THE Malta Resources Authority notifies for general information that the *Technical Guidance Document 'F' – Conservation of Fuel, Energy and Natural Resources (Minimum Requirements on the Energy Performance of Buildings Regulations 2006)* issued in terms of regulation 1 (3) of the Minimum Requirements on the Energy Performance of Building Regulations, 2006, (Legal Notice No. 238 of 2006), is available from the Building Regulations Office, Services Division, Project House, Floriana, or may be downloaded from any of the following URLs:

http://www.mri.gov.mt/downloads/TechGuid_F.pdf
http://www.mra.org.mt/Downloads/Publications/TechGuid_F.pdf
http://www.bicc.gov.mt/bicc/files_folder/Document%20F.pdf

28th November, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 58 ta' l-2006

Wirja ta' Logħob tan-Nar f'Baċir Nru. 1, Bormla

Se jinħarqu murtali minn fuq l-art fil-Baċir Nru. 1 fid-dati u l-ħinijiet tli ġejjin:

1. Fit-28 ta' Novembru 2006 bejn it-8.00 p.m. u l-11.00 p.m.
2. Fil-5 ta' Diċembru 2006 bejn is-7.00 p.m. u d-9.00 p.m.
3. Fis-6 ta' Diċembru 2006 bejn is-7.00 p.m. u d-9.00 p.m.
4. Fis-7 ta' Diċembru 2006 bejn it-8.00 a.m. u l-10.00 a.m.
5. Fis-7 ta' Diċembru 2006 bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl.
6. Fit-8 ta' Diċembru 2006 bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m.
7. Fit-8 ta' Diċembru 2006 bejn l-4.00 p.m. u s-1.00 a.m. ta' l-għada.

Minħabba dan ta' fuq, l-inġenji kollha rmiġġati f'distanza ta' 80m 'l hinn mid-daħla tal-Baċir Nru.1 għandhom jitneħħew.

Ma tittieħed l-ebda responsabbiltà għal xi ħsara li tista' tiġri lid-dgħajjes li jitħallew fl-inħawi fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Min ibaħħar ġewwa l-inħawi ta' ġewwa ta' Dockyard Creek għandu jgħaddi b'attenzjoni kbira u bil-mod. Il-baħħara huma mwissija biex jobdu l-ordnijiet moghtija mill-Valletta Port Control u mill-Pulizija.

Chart affettwata: BA 177

It-28 ta' Novembru, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 58 of 2006

Fireworks Display from Dock No 1 Cospicua

Fireworks will be let off from land in Dry-dock No 1 on the following dates and times:

1. 28th November 2006 between 8.00 p.m. and 11.00 p.m.
2. 5th December 2006 between 7.00 p.m. and 9.00 p.m.
3. 6th December 2006 between 7.00 p.m. and 9.00 p.m.
4. 7th December 2006 between 8.00 a.m. and 10.00 a.m.
5. 7th December 2006 between 6.00 p.m. and midnight.
6. 8th December 2006 between 8.00 a.m. and 1.00 p.m.
7. 8th December 2006 between 4.00 p.m. and 1.00 a.m. of the following day.

In view of the above all craft moored within a distance of 80m off the entrance to Dock No. 1 are to be removed.

No liability will be accepted for any damage of boats that are left lying in the area on the above dates and times.

Navigation within the inner area of Dockyard Creek is to proceed with caution and slow speed. Mariners are warned to obey instructions given by Valletta Port Control and by Police.

Chart affected: BA 177

28th November, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 59 ta' l-2006

Tħaffir ta' Boreholes fil-Bajja ta' Marsaskala - Marsaskala

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf lill-baħħara illi se jsir *survey* ġeofiżiku fil-Bajja ta' Marsaskala, Marsaskala kif jidher fuq *Chart* A minn nhar it-Tnejn, l-4 ta' Diċembru, 2006, jekk it-temp jippermetti. Ix-xogħlijiet se jsiru minn barkun ċatt, li jista' jkun irmiġġat bi ħbula tal-*wire* ma' bagi. Il-barkun jista' jitħalla matul il-lejl fil-pożizzjonijiet ta' tħaffir li ġejjin:

Punt	*Latitudni (T)*	*Lonġitudni (L)*
A	35° 51'.94	14° 34'.18

Ix-xogħlijiet mistennija jdumu 3 jew 4 ijiem jekk it-temp jippermetti.

Baħħara li jbaħħru qrib il-pożizzjoni ta' hawn fuq, li jidħlu jew johorġu mill-Bajja ta' Marsaskala, għandhom iżommu 'l bogħod u jbaħħru b'attenzjoni u bil-mod.

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 Datum.

Wieħed jista' jara parti miċ-*chart* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Chart affettwata BA Chart 2538, 194.

It-28 ta' Novembru, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 59 of 2006

Drilling of Boreholes at Marsaskala Bay - Marsaskala

The Malta Maritime Authority notifies all mariners that a Geophysical Survey will be carried out at Marsaskala Bay, Marsaskala as indicated on Chart A as from Monday, 4th December 2006, weather permitting. The works will be carried out by a flat barge, which may be moored by wire ropes to sinkers. The barge may be left overnight in the following drillimg positions:

Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 51'.94	14° 34'.18

The works are expected to last for 3 to 4 days weather permitting.

Mariners navigating close to the above position, entering or leaving Marsaskala bay, are to give a wide berth and navigate with caution and slow speed.

Position is referred to WGS 84 Datum.

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Chart effected BA Chart 2538, 194.

28th November, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Public Internal Financial Control Auditor* fl-*Internal Audit and Investigation Directorate,* Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Public Internal Financial Control Auditor* fl-*Internal Audit and Investigations Directorate,* Ministeru tal-Finanzi.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Public Internal Financial Control Auditor* fl-*Internal Audit and Investigations Directorate*. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Public Internal Financial Control Auditor* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Public Internal Financial Control Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate within the Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the positions of Public Internal Financial Control Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate, Ministry of Finance.

2.1. The selected candidate will enter into a three-year contract as Public Internal Financial Control Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate. Unsatisfactory performance as Public Internal Financial Control Auditor during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terga' lura għall-grad sustantiv tagħha meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha ma' l-*Internal Audit and Investigations Directorate* kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm f'każ li jiġi itterminat il-kuntratt.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Internal Audit and Investigations Directorate as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Public Internal Financial Control Auditor* fl-*Internal Audit and Investigations Directorate* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Public Internal Financial Control Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (Lm8,316 fl-2007). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għal din il-pożizzjoni titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.1 The salary attached to the position of Public Internal Financial Control Auditor is equivalent to the maximum of Scale 7 (Lm8,316 in 2007). In the case that the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 Il-persuna magħżula hija intitolata wkoll għal *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħha.

3.2 The selected candidate will also be entitled to a performance bonus of up to 10% of his/her basic salary.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-po_izzjoni ta' Public Internal Financial Control Auditor jinkludu:–

(a) li taffettwa assikurazzjonijiet indipendenti oġġettivi u attività ta' konsulenza, maħsuba biex ikattru l-valur u jtejbu l-hidmiet ta' l-entitajiet awditjati, filwaqt li jgħinu l-istess entitajiet awditjati jilħqu l-għanijiet tagħhom permezz ta' l-introduzzjoni ta' metodi sistematiċi u dixxiplinati, sabiex tiġi valutata u mtejba l-effettività ta' *risk management*, kontrolli u proċessi ta' governanza;

4. The duties of a Public Internal Financial Control Auditor include:–

(a) the carrying out of independent objective assurance and consulting activity designed to add value and improve the operations of auditees, helping the auditee to accomplish its objectives by bringing a systematic, disciplined approach to evaluate and improve the effectiveness of risk management, control and governance processes;

(b) li taffettwa dawk il-funzjonijiet f'dipartimenti, ministeri u entitajiet tal-Gvern li jiżguraw li jiġu osservati l-kontrolli finanzjarji u kontrolli oħra relatati, kif ukoll is-sistemi, il-linja ta' *policy* u l-proċeduri meħtieġa għall-funzjonament kif imiss ta' dawk id-dipartimenti, ministeri u entitajiet tal-Gvern;

(b) the carrying out of compliance and assurance functions within Government departments, ministries and entities that ensure that financial and other related controls, systems, policies and procedures necessary for the proper functioning of that Government department, ministry or entity are adhered to;

(ċ) li tindika u tinvestiga irregolaritajiet u kwalunkwe att jew ommissjoni li jnaqqas il-fondi pubbliċi kontra l-liġi jew kwalunkwe ħaġa li ma tikkonformax ma' l-amministrazzjoni tagħhom kif imiss;

(c) highlighting and investigating irregularities and any acts or omissions which unlawfully diminish public funds and whatever is not consonant with the proper management thereof;

(d) li taffetwa investigazzjonijiet finanzjarji, investigazzjonijiet speċjali u awditjar taħt id-direzzjoni ta' l-a/Direttur tal-*Internal Audit and Investigations Directorate*;

(e) li tiddetermina u tivverifika l-eżistenza ta' assi tal-Gvern u kemm dawn qed ikunu maħruġa u protetti minn telf ta' kull tip;

(f) li tevalwa l-osservanza fid-dipartimenti, ministeri u entitajiet tal-Gvern tal-liġijiet, regoli, rekwiżiti oħra esterni, *policies* interni, direttivi u rekwiżiti oħra, bħal awtorizzazzjonijiet addatti għal transazzjonijiet;

(g) li taffettwa awditjar ta' sistemi, verifiki u skrutinji, ċertifikazzjoni u proċeduri ta' l-għeluq ta' proġetti finanzjati jew ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea;

(h) li tiżviluppa relazzjoni kontinwa ma' servizzi tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-kontrolli interni u awditjar, DG Regio, DG Agri, kif ukoll ma' dawk li jispeċjalizzaw fil-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea, partikularment kontra l-frodi u ħela ta' flus, bħal l-OLAF.

(i) xogħol ieħor taħt id-direzzjoni ta' l-A/Direttur, *Internal Audit and Investigations*;

(j) xogħol ieħor taħt id-direzzjoni tas-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi.

5. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' L-UE); jew

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiz terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-hatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtiega skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(d) carrying out financial investigations, special investigations and audits as directed by a/Director IAID;

(e) determining and verifying the existence of Government assets and the extent to which they are accounted for and safeguarded from losses of any kind;

(f) reviewing compliance of Government ministries, departments and entities with laws, regulations and other external requirements and with internal policies and directives and other requirements including appropriate authorisation of transactions;

(g) carrying out systems audits and verification checks and scrutinies, certification and winding up procedures in relation to EU funds and EU co-funded projects; and

(h) liaising with EU Commission services responsible for internal control and audit, DG Regio, DG Agri, as well those specialising in the protection of EU financial interests particularly against mismanagement and fraud, such as OLAF;

(i) carrying out any other work as directed by the A/Director, Internal Audit and Investigations.

(j) carrying out any other work as directed by the Permanent Secretary, Ministry of Finance.

5. Applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) ikollhom l-abbiltà li jikkomunikaw sew kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż;

(ċ) ikollhom *degree* rikonoxxuta, jew kwalifika oħra rikonoxxuta komparabbli, fl-*Accountancy* u mill-inqas tliet snin esperjenza fl-awditjar u/jew *accountancy*;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġa' qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola (GP47) *Service and Leave Record Form*; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-pulizija jew minn awtorita' oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li għandhom/m'għandhomx ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru tal-Finanzi.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(c) in possession of a recognised degree, or a recognised comparable qualification, in Accountancy plus at least three years practical experience as accountant and/or auditor;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a certificate of conduct issued by the police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Public Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive grade in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address: http://www.mpo.go.mt.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the positions.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry of Finance.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultati skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-disposizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi assigurat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Internal Audit and Investigations Directorate, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, Triq Nofsinhar, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mill-Internal Audit and Investigations Directorate, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, Triq Nofsinhar, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Diċembru 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi mesaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Diċembru 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand l-A/Direttur, Internal Audit and Investigations Directorate, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, Triq Nofsinhar,

8.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applications; originals to be produced for verification at the interview).

9.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Internal Audit and Investigations Directorate, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, TriqNofsinhar, Valletta.

12. Applications together with a curriculum vitae including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Internal Audit and Investigations Directorate, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, Triq Nofsinhar, Valletta. by not later than noon of Friday, 22nd December 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 22nd December 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Internal Audit and Investigations Directorate, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, South Street, Valletta, by not later than one week after the closing date

Valletta sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* ta' l-*Internal Audit and Investigations Directorate* huwa +356 2123 7681.

14. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lill-A/Direttur, Internal Audit and Investigations Directorate, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, Triq Nofsinhar, Valletta.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tinbagħat irċevuta bil-posta mill-A/Direttur, *Internal Audit and Investigations Directorate*, fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-28 ta' Novembru, 2006

together with an explanation for the delay. The fax number of the Internal Audit and Investigations Directorate is + 356 2123 7681.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the A/Director Internal Audit and Investigations Directorate, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, Triq Nofsinhar, Valletta and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the A/Director Internal Audit and Investigations Directorate within seven (7) days.

28th November, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Registrar* fid-Dipartiment ta' l-Anestesija fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati għall-postijiet ta' *Registrar* fid-Dipartiment ta' l-Anestesija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Registrar* fid-Dipartiment ta' l-Anestesija għandu salarju ta' Lm7,148 fis-sena li jiżdied b'Lm256 fis-sena sa massimu ta' Lm8,684 (Skala ta' Salarju Nru 6).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tipprovdi servizz residenti *on-call* skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Registrar in the Department of Anaesthesia in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from qualified Medical Practitioners for the posts of Registrar in the Department of Anaesthesia in the Health Division.

2. The post of Registrar in the Department of Anaesthesia carries a salary of Lm7,148 per annum rising by annual increments of Lm256 up to a maximum of Lm8,684 (Salary Scale No. 6)

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which will include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tagħmel parti mid-Dipartiment ta' l-Anestesija u tkun taqa' taħt il-Konsulenti u fl-aħħarnett taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment.

